DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 51/2010

tat-30 ta' April 2010

li temenda l-Anness XIII (Trasport) u l-Anness XIV (Kompetizzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 33/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 [1].

(2) L-Anness XIV tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 156/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 [2].

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 906/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma bejn kumpaniji marittimi tal-linja (konsorzji) [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/2000 [4], li ġie inkorporat fil-Ftehim, skada fil-25 ta' April 2010 u għalhekk għandu jitħassar skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 10 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2988/74) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

"10a. **32009 R 0906**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 906/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma bejn kumpaniji marittimi tal-linja (konsorzji) (ĠU L 256, 29.9.2009, p. 31). [1]

[1] Elenkati hawnhekk għal finijiet ta' informazzjoni biss. Għall-applikazzjoni, ara l-Anness XIV dwar il-Kompetizzjoni."

Artikolu 2

L-Anness XIV tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

It-test tal-punt 11c (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/2000) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"**32009 R 0906**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 906/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma bejn kumpaniji marittimi tal-linja (konsorzji) (ĠU L 256, 29.9.2009, p. 31).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Fl-Artikolu 1 il-kliem 'portijiet tal-Komunità' għandu jsir 'portijiet fit-territorju kopert mill-Ftehim taż-ŻEE'."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 906/2009, li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2010, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*). Għandha tapplika mis-26 ta' April 2010.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

[1] ĠU L 143, 10.6.2010, p. 28.
[2] ĠU L 89, 29.3.2007, p. 31.
[3] ĠU L 256, 29.9.2009, p. 31.
[4] ĠU L 100, 20.4.2000, p. 24.

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.